**Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex)**

**Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Ecc. Melit.**

**Seduta tal-llum, il-Ġimgħa 9 ta' April, 2021**

**Kawża numru:- 201/2021**

**Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Godwin Attard u Kurt Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

**Godwin Attard,** ta' 51 sena, iben Carmel u Giovanna xebba Cauchi, imwieled ir-Rabat, Għawdex nhar 12 ta' Diċembru 1969, u residenti 117, Triq San Ġwann Battista, Xewkija, Għawdex, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 27869G; u

**Kurt Attard**, ta' 18 sena, iben Godwin u Silvana, imwieled ir-Rabat Għawdex, nhar 24 ta' Lulju 2002, u residenti 'Mitħna Court', Flat 2, Triq Guzeppi Grech, Xagħra Għawdex u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 17102H.

Akkużati talli nhar l-11 ta' Marzu 2021 għall ħabta tad-9.15p.m waqt li kontu qiegħdin fil-inħawi tal-Port Imġarr, Imġarr, limiti ta' Għajnsielem, Għawdex;

1. Naqsu milli jħarsu xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Magistrat Dr. Simone Grech LL.D) b'digriet ta' nhar il-21 ta' Awwissu 2020 u dan bi ksur ta' 579 tal-Kapitolu 9.

Godwin Attard, waħdu, qed jiġi akkużat talli kif ukoll;

2. naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D) b'digriet ta' nhar il-28 ta' Jannar 2021 u dan bi ksur ta' 579 tal-Kapitolu 9

3. talli fl-istess data, hin, lok u ċirkustanzi saq vettura tal-għamla BMW bi chassis number WBAAL72080AK80968 mingħajr ma' kellu liċenzija valida għas-sena kurrenti biex tinsaq fi triq, dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) tal-kapitolu 65;

4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi saq vettura tal-għamla BMW bi chassis number WBAAL72080AK80968 mingħajr ma' kien kopert bil-polza tas-sigurta dwar ir-riskju tat-terzi persuni u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap. 104.

5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi għamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni FBW945 li jgħajjat lil vettura tal-għamla Land Rover Free Lander xort' oħra minn dik mgħotija mill-Awtorita dwar it-Transport f' Malta dwar xi vettura bil-mutur u dan bi ksur tal-artiklu 15A tal-Kap 65.

Semgħet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti.

Rat li l-imputati wieġbu li filwaqt li ma humiex ħatja tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, minn naha tiegħu Godwin Attard ammetta il-bqija ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu jiġifieri l-imputazzjonijiet numru tlieta (3), erbgha (4) u ħamsa (5).

Il-Qorti wissiet lill-imputat Godwin Attard bi kliem sempliċi u li jinftiehem kif ukoll bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk jtenni l-ammissjoni fil-konfront tat-tielet (3), ir-raba (4) u l-hames (5) akkuzi huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista' tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi.

Il-Qorti għaddiet biex temporanjament issospendiet is-seduta u akkordat ħin lill-imputat Godwin Attard sabiex ikun jista jirrifletti fuq din it-twissija mogħtija lilu mill-Qorti, inkluż billi, jekk irid, jikkonsulta mal-Avukat Difensur.

Wara li taghtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux ser jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat Godwin Attard wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati biss tat-tielet (3), ir-raba (4) u l-ħames (5) imputazzjoni.

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija da parti ta' l-imputat Godwin Attard fil-konfront tat-tielet (3), ir-raba (4) u l-ħames (5) akkuzi m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat Godwin Attard ħati ta tali akkuzi.

Semgħet ix-xhieda kollha dwar l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuża kif ukoll it-trattazzjoni mill-partjiet dwar il-piena li għandha tiġi inflitta.

**Ikkunsidrat:**

**Provi**

***Dwar il-Ksur tal-Kundizzjonijiet tal-Ħelsien mill-arrest***

Mix-xhieda prodotta senjatament ix-xhieda tal-pulizija PC 1130 Bjorn Sammut u PC555 Fabio Schembri irriżulta li dawn iz-zewġ pulizija kienu fil-karozza jagħmlu r-ronda fil-11 ta' Marzu, 2021 għal ħabta tad-21:00. Meta kienu ħdejn il-parking magħrufa bhala "Taz-Zewwieqa" lemħu lil imputat Godwin Attard mingħajr maskla. Wara li avżawh sabiex jilbes il-maskla innutaw li daħal f'karozza. Huma iċċekkjaw ma' l-Għassa tar-Rabat lil min kienet tappartjeni l-karozza u dan għamluh billi għaddew in-numru tal-pjanċa, FBW 945, lill-Għassa.

Mill-informazzjoni li waslitilhom irriżulta li in-numru tal-pjanċa kienet ta' Land Rover li kien reġistrat fuq xi ħadd Ingliz residenti il-Munxar. Il-pulizija jghidu li wara li raw lill-imputat dieħel fil-karozza saqu safejn l-Għassa ta l-Imġarr u qagħdu jistennew hemm.

Jaffermaw li raw il-vettura tinstaq fejn hemm il-gabbani tal-gelat max-xatt l-Imġarr u mbagħad rawha tinstaq lejn taħt il-mina fejn hemm il-*parking* tat-t*erminal* tal-vapur u ma rawhiex aktar. Għalhekk marru huma fuq il-post fejn il-*parking* u lemħu l-karozza ipparkjata u liz-zewġ imputati ftit lil hinn mill-karozza. Għal darb ohra l-imputati kienu mingħajr maskla u għalhekk il-pulizija harġulhom *ticket* kull wieħed. PC 1130 Bjorn Sammut hareġ *ticket* lil imputat Kurt Attard filwaqt li PC 555 Fabio Schembri hareġ *ticket* lil Godwin Attard.

Ġew ippreżentati kopja taz-zewġ *tickets* li nhargu lill-imputati. L-Qorti tinnota li l-hin fuq it-*ticket* mahruġ fil-konfront ta' Kurt Attard huwa 21:10. L-ohra maħruga fil-konfront ta' Godwin Attard, il-ħin ma jidhirx

pero l-Qorti tqis li stante li dawn it-*tickets* inharġu flimkien fl-istess ħin, allura dan ifisser li l-imputat Godwin Attard inhariġlu *ticket* fil-21:10 ukoll.

**L-ewwl akkuża**

Din il-Qorti tinnota li l-ewwel akkuża hija li l-imputati it-tnejn flimkien kisru kundizzjoni tal-helsien mill-arrest impost mill-Qorti tal-Maġistrati fil-21 ta' Awissu, 2020. F'dan il-kaz id-digriet[1] huwa ben ċar li l-akkużati kellhom jinqaflu ġewwa darhom mid-disa' ta' filgħaxija (9.00pm) sas-sitta ta' fil-għodu (6:00am). Minn dak li jirriżulta mill-provi tqis li l-akkużati kisru il-kundizzjoni ta' rinkazar imposta fuqhom u għalhekk ser issibhom ħatja ta din l-akkuża.

**It-tieni akkuża**

It-tieni akkuża hija li l-imputat Godwin Attard waħdu kiser kundizzjoni tal-ħelsien mill-arrest imposta mill-Qorti tal-Maġistrati fit-28 ta' Jannar, 2021[2]. Il-Qorti tirrileva li meta fliet il-kundizzjonijiet impost mill-Qorti tal-Maġistrati fit-28 ta' Jannar, 2021 innutat li f'dak id-digriet il-Qorti ma imponietx ħin li fih l-akkużat ried jinqafel ġewwa daru. Dan ifisser għalhekk li l-akkużat Godwin Attard, ma għandux jinstab ħati ta din l-akkuża.

**It-tielet, ir raba u l-hames akkużi**

[1] A fol 16 tal-proċess
[2] A fol 17 tal-proċess

Rigward dawn l-akkużi l-akkużat Godwin Attard irreġistra ammissjoni bikrija u anke wara li reħa ddiskuta ma l-avukat tiegħu, għal darb oħra ammetta dawn l-akkużi miġjuba kontrtih, u għalhekk il-Qorti ser issibu ħati tagħhom.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti fliet ukoll il-fedina penali tal-imputati. Jidher li l-imputati, li jirriżulta huma il-missier u l-iben għandhom problema jobdu l-ordnijiet tal-Qorti kif ukoll li ma jiksrux il-liġi. Il-Qorti ma tistax ma tinnutax li l-missier, li huwa suppost il-persuna li tiggwida lill-ulied, f'dan il-każ huwa il-persuna li tikkollabora ma' l-iben sabiex il-liġi tinkiser.

Inoltre, skond il-ligi, f'każ ta' ksur ta' bail, id-depożitu u l-garanzija personali preskritti fid-digriet tal-bail, bil-fors iridu jghaddu favur il-Gvern ta' Malta. Inoltre, il-Qorti, wara li rat il-fedina penali minn fejn jirriżulta li din ma hix l-ewwel darba li l-imputati kisru xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest hija tal-opinjoni li d-digriet tal-ħelsien mill-arrest tiegħu ghandu jiġi revokat, u l-imputati għandhom jerġgħu jiġu arrestati.

Tenut kont ta' dan kollu, izda l-Qorti tirrileva li kif ukoll jirriżulta mix-xhieda tal-Pulizija, l-akkużati ikkollaboraw mal-Pulizija u mill-ewwel ammettew li kienu qed jiksru l-liġi. Di piu` jirriżulta li kienu huma stess

li informaw lill-pulizija li suppost kienu miġburin ġewwa darhom minħabba l-kundizzjoni ta' ħelsien mill-arrest.

**Deċide.**

Illi wara li rat l-artikoli 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Art. 17 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta, l-Art. 15(1)(a) u l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta Malta u l-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda issib lil **Godwin Attard u Kurt Attard flimkien** hatja ta' l-**ewwel imputazzjoni** miġjuba kontra tagħhom u filwaqt li tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest tal-21 ta' Awwissu, 2020 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dottor Simone Grech tordna l-arrest mill-ġdid tagħhom.

Il-Qorti tordna li d-depożitu ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) li l-imputati iddepożitaw ai termini tad-digriet fuq imsemmi tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta u tordna lill-imputati jħallas lill-Gvern ta' Malta il-garanzija personali ta' erbat elef ewro (€4,000) stabbilita fid-digriet fuq imsemmi, u fin-nuqqas, dan l-ammont, jew kull bilanċ minnu dovut, jiġu konvertiti fi priġunerija bir-rata stabbilita skond il-liġi.

Issib lil **Godwin Attard waħdu** mhux ħati tat-**tieni imputazzjoni** miġjuba kontra tiegħu u tilliberaħ minn kull ħtija u piena dwarha.

Issib lil **Godwin Attard waħdu** ħati tat-**tielet (3), ir-raba (4) u ħames (5) imputazzjonijiet** miġjuba kontra tiegħu u timmulltah il-piena komplessiva ta' ħamest elef u ħames mitt ewro (€5500), kif ukoll tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta` sitt (6) xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl ta` l-għada li din il-kawża tghaddi in gudikat.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li din is-sentenza u l-atti tal-kawża jiġu trasmessi lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt (6) ijiem.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur